**KEJL, UŻIN, QISIEN U FLUS**

Minn Fr Paul Sciberras

**Il-Kejl**

*ħómer* = 10 efà = ±450 litru (Eż 16:36)
*kor* = 1 ħómer
*létek* = 5 efà = ±225 litru (Hos 3,2)
*artabè* = tomna? gallun? = ±56 litru (Dan 14:3)
*efà* = ±45 litru
*bat* = 1 efà
*metréta* = 1 bat = ±40 litru (Ġw 2:6).
*seà* = terz ta' efà = ±15-il litru (2 Slat 7:1)
*sáton* = siegħ? = ±13-il litru (Mt 13:33)
*ħin* = ±7.5 litri
*issaròn*? = ±4.5 litri
*kab*? = ±2.5 litri (2 Slat 6:25)
*sestarju* = ±1.7 litri
*log* = ±0.6 litri (Lev 14:10)
10 jew 12 log = 1 *ħin*

**Użin**

*kikkàr* – talent = 3000 xékel = ±34.272 kg (1 Slat 10:10)
*manèh* – minà = 50 xékel = ±0.571 kg (Eżek 45:12)
*xékel* = ix-xékel ta' Eż 30:13 = 20 gerà = ±0.011 kg
*baqa'* = nofs xékel = ±0.0057 kg
*gerà* = ±0.0006 kg (20 gerà = 1 xékel)
*libbra* = 328 gr (Ġw 12:3; 19:39)

**Qisien**

Il-qisien l-aktar użati kienu dawn:
*qanèh*, qasba = ±315 ċm
*ammà*, driegħ; kienu ta' żewġ xorta: il-qasir = ±44.5 m, u t-twil = ±51.8 km
*żéret*, xiber = ±22 ċm
*tofàh*, wisa' ta' erbat iswaba' = ±7.2 ċm
*esba'*, saba' = ±2 ċm

Fit-Testment il-Ġdid jissemmew:
*qama* = ±1.84 m, u l-qjies Grieg *stádion* = ±185 m (Lq 24:13)

**Flus**

L-ewwel muniti dehru ħabta tas-seklu 7 QK. Qabel dan iż-żmien in-negozju kien isir bi bdil ta' oġġetti ta' valur (1 Slat 5:25; 2 Slat 3:4) jew b'biċċiet ta' metall prezzjuż magħżul għall-okkażjoni (Ġen 42:25; 2 Sam 24:24). Imbagħad bdew il-muniti. Kienu jikkonsistu f'biċċiet tal-metall bil-valur skont il-piż tagħhom imnaqqax fuqhom. Il-metall tal-flus kien ikun tad-deheb, il-fidda, il-bronż u l-ħadid. L-ewwel flus li jissemmew fil-Bibbja huma d-*darìk* tad-deheb u t-*talent* tal-fidda, tal-bronż u tal-ħadid (1 Kron 29:7; Esd 8:27).

Wara r-rebħiet ta' Alessandru l-Kbir il-flus Griegi daħlu kullimkien. Il-bażi tas-sistema monetarja Griega kienet id-*drakma* tal-fidda. Mal-ħakma tar-Rumani daħlu wkoll il-flus tagħhom fl-artijiet tal-imperu, fosthom id-*dinar*, li kien il-paga ta' jum xogħol tal-ħaddiem (Mt 20:1-12; 22:15-22, u paralleli).

**Flus Griegi u Rumani**

*drakma tad-deheb* – nofs stater Attiku (Esd 2:69; Neħ 7:69) = 7.8 gr?
*drakma tal-fidda* – (2 Mak 12:43) = 4.55 gr? 3.85/3.41?
*didrakma tal-fidda* – 2 drakmi (Mt 17:24, *stater)* = 2 gr jew 1.5 gr
*tetradrakma tal-fidda* – 4 drakmi, "biċċa tal-fidda" (Mt 26:15) = 4/3 gr
*assárion* jew *as* – munita Rumana tal-bronż ta' valur żgħir ħafna (Lq 12:6) = 4.55 gr? (16 *as* = 1 dinar).
*minà tal-fidda* – 1 *minèh* (Esd 2:69) = 0.571gr
*darkòn tad-deheb* – 1 xékel (Esd 8:27) = 8.41 gr
*xékel tal-fidda* – Neħ 5:15; 10:33) = 5.60 gr
*dinar Ruman* – (Mt 20:9-10) = 172.8 gr?

(muniti oħra li jissemmew fl-Evanġelju:
*leptòn, kodrántes, nómisma* (Mt 5:26; Mk 12:42; Lq 12:59) = kollha ta' valur żgħir).
It-*talent* kien użin li kien isarraf 6,000 dinar (Mt 25:14-30).